MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 42/2009

**Avukat Leslie Grech f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' Joyoti Grech, ta' Gitali Melvyn u ta' Christopher Grech, Mary Josephine Grech, Dr. David Grech Proprju u bhala mandatarju ta' Lady Dorothy Higgins**

**vs**

**Roger Saliba**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur:

Illi in forza ta' skrittura privata datata 20 t'Ottubru 2008, ir-rikorrenti b'titolu ta' lokazzjoni il-fond numru tlieta (3) Curate Schembri Street, il-Mosta bil-kera ta' mija u sittax-il ewro (E116) pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem mill-20 t'Ottubru 2008 (Dok A);

Illi l-intimat naqas li jhalals il-kera minnu dovuta lir-rikorrent ghalhekk sallum ghandu jhallas is-somma ta' mitejn tnejn u tletin ewro f'kirijiet ghal perjodu ta' sentejn ta' bejn 1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru 2008 billi qabel l-iskrittura tal-20 t'Ottubru 2008 il-fond kien mikri lill-intimat bl-istess kera ta' Eur 116 fis-sena u l-kera kienet tithallas mill-1 ta' Jannar 2007 ma kienx halals ukoll;

Illi l-intimat gie interpellat kemm bonarjament permezz ta' diversi ittri mibghuta lilu mir-rikorrent (Dok B1) kif ukoll interpellat aufficjalment permezz ta' ittra tal-5 ta' Jannar 2009 (Dok C) sabiex ihallas il-kera dovuta, izda sal-lum baqa'inadempjenti;

Illi sa fejn ir-rikorrent, l-intimat ma ghandux difiza x'jaghti kontra t-talbiet tar-rikorrent u ghaldaqstant huwa l-kaz li dan it-Tribunal jghaddi sabiex jiddeciedi skond it=talba tad-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-rikorrent qieghed kontestwalment ma' dan ir-rikors jipprezenta affidavit skond kif rikjest mil-imsemmi artikolu 16A tal-Kap 9 (Dokument 'X')

Illi dawn il-proceduri qeghdin jsiru huma proceduri sommarji specjali li fihom is-sentenza ghandha tinghata fl-ewwel dehra fil-kawza jekk l-intimat jkun kontumaci f'dik is-seduta li jkollu difiza li tiswa u li jista' jaghmel sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dan it-Tirbunal sabiex:

Jiddeciedi skond it-talba tad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jordna lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond numru tlieta (3) Curate Schembri Street, il-Mosta u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti, stante li l-istess intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera;

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittri interpellatorji u l-ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar 2009 kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi wara li ezamina r-rikors guramentat tal-partijiet rikorrenti, ra d-dokumenti esebiti li juru li l-intimat kien debitament interpellat skond il-ligi ghall-iskadenzi tal-kera, u wara li semgha lir-rikorrenti jikkonferma bil-gurament illi l-intimat ghandu ma ssaldax id-debitu minnu dovut bhala kera ghall-fond minnu okkupat;

Illi ghalhekk fic-cirkostanza t-talba kid dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Il-Bord jaqta u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat;

Jordna lill-intimat jizgombra mill-fond numru tlieta (3) Curate Schembri Street, il-Mosta, u dan fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------